

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Van Lieshout textiel Agenturen BV (Berkel-Enschot, il-Pajjiżi l-Baxxi)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: trade mark figurattiva tal-Unjoni (Rappreżentazzjoni ta' erba' linji msallba – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 11 952 678

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: il-proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-27 ta' Ġunju 2017 fil-Każ R 2129/2016-4

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tordna r-rimbors tal-ispejjeż f'dan l-appell quddiem il-Qorti Ġenerali.

Motivi invokati

- Ksur tal-Artikolu 76(1) tar-Regolament Nru 207/2009;
- Ksur tad-dmir tal-Bord li jirrevedi l-legalità tad-deċiżjoni tal-ewwel istanza;
- Ksur tal-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009;
- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009;
- Ksur tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009.

Rikors ippreżentat fit-22 ta' Awwissu 2017 – Bashab *et vs* Il-Kunsill

(Kawża T-582/17)

(2017/C 374/62)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Évariste Boshab (Kinshasa, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo) u 7 rikorrenti oħra (rappreżentanti: P. Chansay-Wilmotte, A. Kalambay Ndaya u P. Okito Omole, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Talbiet

- tiddikjara l-invalidità tal-miżuri restrittivi inkwistjoni, jiġifieri,
 - ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/904, tad-29 ta' Mejju 2017, li jimplimenta l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1183/2005 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra persuni li, skont il-Kunsill, aġixxew bi ksur għall-embargo tal-armi fir-rigward tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo;
 - id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/905, tad-29 ta' Mejju 2017, li timplimenta d-Deċiżjoni 2010/788/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo;
- tikkundanna lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors, ir-rikorrenti jinwokaw, essenzjalment, motiv uniku, ibbażat fuq il-fatt li l-atti kkontestati huma motivati b'mod vag u sinjifikattivament invizzjati bi żbalji manifesti ta' evalwazzjoni. Skont ir-rikorrenti, il-miżuri restrittivi adottati mill-Kunsill fil-konfront tagħhom huma infondati kemm fil-fatt u anki fid-dritt. Barra minn hekk, il-Kunsill wettaq diversi irregolaritajiet li kull waħda minnhom hija ta' natura li tkun ta' bażi għall-annullament tal-atti kkontestati.

Rikors ippreżentat fl-24 ta' Awwissu 2017 – Primart vs EUIPO – Bolton Cile España (PRIMART Marek Łukasiewicz)

(Kawża T-584/17)

(2017/C 374/63)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Przedsiębiorstwo Produkcyjno-Handlowe "Primart" Marek Łukasiewicz (Wołomin, il-Polonja) (rappreżentant: J. Skołodą, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Bolton Cile España, SA (Madrid, Spanja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrenti

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: it-trade mark verbali u figurattiva tal-Unjoni bil-kuluri aħmar, abjad u blu skur, li tinkludi l-elementi verbali "Primart Marek Łukasiewicz" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 13 682 299

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-22 ta' Ġunju 2017 fil-Każ R 1933/2016-4

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO u lill-intervenjenti għall-ispejjeż tal-proċeduri, inklużi l-ispejjeż sostnuti quddiem il-Bord tal-Appell.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

Rikors ippreżentat fit-2 ta' Awwissu 2017 – Serra Noguera et vs SRB

(Kawża T-592/17)

(2017/C 374/64)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Juan Carlos Serra Noguera (Sant Jordi de ses Salines, Spanja) u 56 rikorrent ieħor (rappreżentant: R. García-Bragado Acín, avukat)